MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2006

Appell Civili Numru. 318/2003/1

**Irina Malikova f'isimha proprju u bhala direttrici u segretarja ta' "International Charity Society" u bhala rappresentanti *ad litem* tal-minuri Ivan Zaistev**

**v.**

**Rita Scicluna**

**Il-Qorti:**
Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' April 2003. Permezz ta' citazzjoni presentata f'dik il-Qorti fit-28 ta' Marzu 2003, l-attrici, fil-

kwalitajiet taghha premessi, talbet (ghar-ragunijiet imsemmija fl-istess citazzjoni) li dik il-Qorti (1) tiddikjara li l-konvenuta ma kellhiex dritt li tibqa tiddetjeni u tezercita d-dritt ta' pussess fuq il-passaport Russu "nru 60 no. 0790959" f'isem Ivan Zaistev, u (2) tikkundanna lill-konvenuta fi zmien qasir u perentorju li tikkonsenja l-istess passaport lill-attrici "nonostanti li giet interpellata taghmel hekk b'ittra ufficjali tas-17 ta' Marzu 2003 u baqghet inadempjenti – bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-imsemmija ittra ufficjali.

Fin-nota ta' eccezzjonijiet taghha, il-konvenuta elenkat sitt eccezzjonijiet separati, l-ewwel tlieta minnhom ta' natura preliminari – a skans ta' ripetizzjoni inutili, kopja tas-sentenza appellata, li fiha hemm riprodotta c-citazzjoni attrici u l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, qed tigi annessa bhala appendici ma' din is-sentenza biex tifforma parti integrali mis-sentenza odjerna.

Il-Prim Awla, bis-sentenza taghha tal-10 ta' April 2003, wara li cahdet l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta, laqghet it-talbiet attrici u pprefiggiet lill-konvenuta terminu perentorju ta' jumejn sabiex din tikkonsenja l-passaport in kwistjoni lill-attrici. Kwantu ghall-ispejjez, dik il-Qorti iddecidiet li dawn *"…fic-cirkustanzi (anke ghaliex id-dokumenti relattivi gew presentati f'din il-kawza u ma gewx murija lill-konvenuta meta talbithom b'ittra tat-18 ta' Marzu 2003), jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet, bid-dritt tar-Registru, pero`, jithallas mill-konvenuta."* Huwa proprju minn dan il-kap ta' l-ispejjez li kemm l-attrici kif ukoll il-konvenuta qed jappellaw.

Fl-appell taghha tal-21 ta' April 2003 l-attrici tillanja li l-ewwel Qorti zbaljat meta iddecidiet li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet. Hija tosserva in partikolari li l-ewwel Qorti cahdet talba tad-difensur taghha ghalbiex huwa "jaghmel domandi bil-gurament lill-konvenuta halli jipprova l-fatti kollha rigwardanti u inerenti ghall-kaz, u wkoll l-ewwel Qorti ma ppermettiet ebda provi hlief il-legalizzazzjoni tad-dokumenti…". Skond l-appellanti, l-ittra li ghamlet referenza specifika ghaliha l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha – cioe` dik tat-18 ta' Marzu 2003 – kienet

titlob biss "dokumentazzjoni originali u traduzzjoni awtentika mill-Ambaxxata tal-Federazzjoni Russa" li jissostanzjaw il-pretenzjonijiet taghha (i.e. ta' l-attrici), meta tali dokumentazzjoni ma kienitx tezisti u hija ma nghatatx l-opportunita` li tissostanzja din il-prova. Fir-rikors ta' appell taghha l-appellanti taghmel allegazzjonijiet fil-konfront tal-konvenuta li din "ghamlet dikjarazzjonijiet foloz bil-miktub fid-difiza taghha".

Il-konvenuta, min-naha taghha, interponiet ukoll appell incidentali mill-kap ta' l-ispejjez. Hija tghid li ma kellhiex tigi ordnata li thallas id-dritt tar-registru[1] peress li kienet l-attrici li ma pprovdietx l-informazzjoni mehtiega wara l-ittra taghha tat-18 ta' Marzu 2003 u, per di piu`, hija "kienet qed taghmel att ta' karita` ma' tifel orfni Russu."

Ghalhekk il-partijiet, f'dana l-istadju ta' appell, qed jiggieldu fuq l-ispejjez – il-karita` li huma t-tnejn jghidu li jipprofessaw ma tantx jidher li kellha influwenza fuq il-pretensjonijiet legali taghhom f'dan ir-rigward!

Mill-atti jirrizulta li l-kawza quddiem l-ewwel Qorti nstemghet bl-urgenza, u dana wara rikors ghal dana l-fini presentat mill-istess attrici (ara r-rikors a fol. 6 u d-digriet, li laqgha t-talba ghas-smigh bl-urgenza, a fol. 7). In fatti c-citazzjoni giet presentata fit-<u>28 ta' Marzu 2003</u>, u l-ewwel Qorti appuntat il-kawza ghas-smigh ghat-8 ta' April 2003 bl-abbrevjazzjoni tat-terminu ghall-presentata ta' l-eccezzjonijiet. Mill-verbal ta' l-udjenza tat-8 ta' April 2003 (ara fol. 24 ta' l-atti) – l-unika udjenza li kien hemm apparti dik ta' l-10 ta' April 2003 – jirrizulta (1) li provi ma nstemghux, u (2) <u>li ma kien hemm ebda talba biex jinstemghu tali provi jew biex isiru "xi domandi bil-gurament lill-konvenuta"</u>. Il-verbal ta' dik l-udjenza, infatti, ighid testwalment hekk:

[1] Jigi precisat li ghalkemm fir-risposta u appell incidentali tal-konvenuta jinghad illi hija qed tappella "limitatament ghall-provvediment illi d-dritt tar-registru pero` jithallas mill-konvenuta", it-talba li ssegwi immedjatament hija li din il-Qorti "joghgobha tibdel il-kap rigwardanti l-ispejjez, billi tiddeciedi, illi l-ispejjez skond it-taxxa tal-prim istanza u ta' l-appell ghandhom jigu sopportati interament mill-appellanti."

**“Meta ssejhet il-kawza dehret l-attrici assistita minn Dr. Victor Ragonesi, u l-konvenuta assistita minn Dr. Patrick Valentino.**

**“Fuq talba ta’ l-attrici, mhux opposta mill-konvenuta, il-Qorti tordna li l-proceduri f’din il-kawza jsiru bil-lingwa ngliza.**

**“Plaintiff is to file a legal copy of the decree delivered by this court granting her representation ‘ad litem’ of the minor child, as well as certified copies of certain documents issued by the Russian authorities, which documents are to be filed by not later than tomorrow Wednesday, 9th April 2003.**

**“The court heard submissions made by the parties, and leaves the case for judgement for Thursday, 10th April 2003 at 9:00 am.”**

Fl-udjenza tal-10 ta’ April 2003 inghatat is-sentenza. Minn dan, ghalhekk, jirrizulta li, apparti d-dokumenti ezibiti, ma nstemghux provi. L-ewwel Qorti qaghdet biss fuq l-atti u fuq id-dokumenti ezibiti, wara li semghet dak li kellhom xi jghidu d-difensuri tal-partijiet.

Issa, l-Artikolu 223 tal-Kap. 12 jipprovdi hekk:

**“(1) Kull sentenza definittiva ghandha tikkundanna lit-tellief ghall-ispejjez.**

**…………..**

**“(2) Fil-kazijiet kollha, il-qorti tista’ tordna li kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha, meta kull wahda mill-partijiet tkun it-telliefa f’xi punt tal-kawza, jew meta jindahlu kwistjonijiet difficli tal-ligi, inkella ghal xi raguni tajba ohra.”**

Dan ifisser li r-regola hi li min jitlef ihallas – kollox jekk jitlef il-punti kollha tal-kawza, jew proporzjonatament “meta kull wahda mill-partijiet tkun telliefa f’xi punt tal-kawza”. Il-Qorti tista’ ma taddottax ir-regola meta jew ikun hemm

kwistjonijiet difficli ta’ ligi x’jigu decizi, jew “ghal xi raguni ohra tajba”.

Fil-kaz in dizamina, il-punti kollha – inkluzi s-sitt eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuta – gew decizi kontra l-konvenuta u allura skond ir-regola hija kellha thallas l-ispejjez kollha. Minn qari, anke superficjali tas-sentenza appellata, hu evidenti li ma kien hemm ebda “kwistjonijiet difficli tal-ligi” li kellhom jigu, jew li gew, decizi. Tibqa’, ghalhekk, l-ahhar raguni ghala l-Qorti setghet tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet, u cioe` “ghal xi raguni tajba”. Mis-sentenza – u specifikatament mid-*decide* – l-unika “cirkostanza” li l-ewwel Qorti semmiet ghala ma kienitx ser timxi mar-regola kienet “ghax id-dokumenti relattivi gew presentati f’din il-kawza u ma gewx murija lill-konvenuta meta talbithom b’ittra tat-18 ta’ Marzu 2003”. Issa, mill-istess dokumenti jirrizulta illi dawn ghandhom data antecedenti ghat-18 ta’ Marzu 2003 – id-dokument a fol. 27 igib id-data 22-04-02; dak a fol. 32[2] igib id-data 7-09-02, id-dokument a fol. 34 ghandu d-data 14-03-03 u dak a fol. 40 ukoll ghandu d-data tal-14-03-03. Ghalkemm l-ewwel Qorti ma semghetx provi (u, kif inghad, anqas ma jirrizulta li saret xi talba da parti tal-konvenuta biex tixhed l-attrici), fil-paragrafu 11 tad-dikjarazzjoni guramentata taghha il-konvenuta tghid testwalment: *“Illi meta interpellata b’ittra ufficjali datata 17 ta’ Marzu 2003, il-konvenuta wiegbet b’ittra data 18 ta’ Marzu 2003 (Dok. RS 3) liema ittra ma gietx imwiegba u ghaldaqstant ma kienx hemm il-bzonn li ssir din il-kawza.”* Din id-dikjarazzjoni hi prova li baqghet ma gietx kontradetta, u din il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel Qorti setghet tqis din ic-cirkostanza bhala “raguni tajba” biex tipprovdi kif effettivament ipprovdiet dwar l-ispejjez tal-kawza. Ghalhekk l-appell principali ser jigi respint.

Kwantu ghall-appell incidentali tal-konvenuta, ingarbuljat kif inhu, din il-Qorti ma tarax li dan jimmerita xi

---

[2] Dan id-dokument kien specifikatament ighid: “That all care rights for life and health of child of our orphan home Ivan Zaitsev, born 24.03.91, who is at present moment in Malta under the Doctors request, under the patronage of the International Charity Society, I am transferring to Family Holl, at 72, Griffon Flats No 2, Milend Street Hamrun. All responsibilities of care for Ivan Zaitsev are withdrawn from family Scicluna.”

konsiderazzjoni partikolari. Il-konvenuta appellata tilfet il-kawza bl-gheruq u x-xniexel, u ghalhekk ma tistax tippretendi aktar milli semplicement li l-ispejjez jibqghu bla taxxa, pero` li d-dritt tar-registru jithallas minnha. Ghalhekk l-appell incidentali sejjer ukoll jigi respint.

Ghall-motivi premessi, tichad kemm l-appell principali tal-attrici kif ukoll l-appell incidentali tal-konvenuta, u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta' din l-istanza jithallsu hekk: dawk konnessi ma' l-appell principali jithallsu mill-attrici Irina Malikova, u dawk konnessi ma' l-appell incidentali jithallsu mill-konvenuta appellata Rita Scicluna.

Deputat Registratur

gr

**Appendici**

Kopja tas-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' April 2003 qeghda tigi annessa ma' l-odjerna sentenza biex tifforma parti integrali minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------